KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 70

Is-sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 27 ta' Gunju 2017 fis-6.05 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| **ASSENTI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*70.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*70.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*70.5 Rapporti ;*
*70.6 Quotation for a service provider (Homework aid for TCN parents project) ;*
*70.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*70.9 Mozzjonijiet ;*
*70.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 70.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

70.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apoloġija.

## 70.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

70.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 69 tas-seduta 29 ta' Mejju, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

70.2.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall punt 69.3.5 u talbet li tizdied il-frazi 'Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema qabel li jsiru *b'tactile paving*.'

70.2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-punt 69.6.2 u qal li kien ħa zball fiċ-ċifra u kiteb iċ-ċifra korretta mill-ewwel fil-minuti.

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fis-18.20*

70.2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 69_29/05/2017*

## 70.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

70.3.1 Is-Sindku irrefera għal punt 69.3.1 dwar id-dwal fi Gnien Indipendenza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li *lighting lanterns* twaħħlu. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier J. Pillow iltaqgħu mal-Inġineer dwar il-*canopies* u li ser isir xi xoghol investigattiv fuq is-sit qabel ma jibda jigi mfassal it-tender ghall-manutenzjoni ta' dawn il-*canopies*. *Dwal fi Gnien Indipendenza*

70.3.2 Is-Sindku informa li beda x-xogħol fil-latrina ta' fejn l-Għassa. *Manutenzjoni fil-latrina*

Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-evalwazzjoni tat-*tender* għall-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi għadu pendenti minħabba li hemm diffikulta f'*email account* ta' Kunsilliera, u li minhabba f'hekk ma tistghax tirregistra fl-EPPS. *pubblika ta' fejn l-Għassa u dwar t-tender ta latrini pubbliċ*

70.3.3 Is-Sindku irrefera għal punt 69.3.3 għat-talba mis-Sur Ciappara għall-kumpens għall-ispejjez medikali għall-allegat incident li sar fi Triq Bisazza ma' Triq Tigne. F'din is-seduta tressqu d-dokumenti fejn hemm indikat l-ispiza medika. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jekk il-Kunsill kienx għamel xi xogħol fil-bankina fejn sar l-inċident. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din irrelevanti għaliex l-istat tal-bankini u t-toroq jaqaw taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill f'kull hin tal-gurnata. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li f'kazijet simili il-Kunsill irid jitlob rapport tal-pulizija. *Talba għal kumpens*

*Daħal il-Viċi-Sindku għas-seduta fis-18.42*

Is-Sindku qal li jħoss li dan huwa kaz ġenwin u jekk il-Kunsill ma jħossx li għandu jkopri l-ispejjez kollha mitluba, ghalinqas għandu jingħata tip ta' kumpens. Il-Kunsillier P. Portelli qal li għalkemm jaqbel mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku u li dan għandu jingħata kumpens, kull kaz għandu jkun diskuss għalih u mhux kull min jaqa f'Tas-Sliema għandu jingħata kumpens. Kien hemm qbil li s-Sur Ciappara jingħata parti mill-ammont mitlub, u voldieri l-ammont ta' Ewro 500.

*Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier P. Portelli ġew skuzati mis-seduta fis-18.46*

70.3.4 Is-Sindku irrefera għall-punt 69.3.6 dwar il-proġett li qiegħed jiġi organizzat minn SOS Malta ta' transport tal-anzjani ghall-bzonnijiet soċjali tagħhom. Is-Sindku informa li l-Kunsill flimkien mal-SOS iltaqa mal-Kappillani, u dan wara li s-Sindku kien attenda laqgħa mal-kappilani fejn saret stedina biex ilkoll niltaqgħu ma SOS Malta. *Proġett SOS Malta*

*Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier P. Portelli daħlu lura mis-seduta fis-18.47*

Is-Sindku informa li s-servizz tat-trasport għal dawk l-anzjani li għandhom bzonn xi qadi f'Tas-Sliema jew sal-Gzira Polyclinic, se jibda mill-1 ta' Luilju, 2017 u se jkun mit-Tnejn sal-Gimgħa bejn 8.30 u 12.30. Il-Kunsill se jkun qiegħed jieħu l-*bookings*. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li s-servizz jingħata b'uzu

limitat u ma jkunx abbussiv mill-istess residenti. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li din għandha tiġi ppublikata fuq il-media soċjali u *notice boards* etc.

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li tinsab dizappuntata għaliex din kienet *issue* li taqa taħt id-dekasteru tagħha u ma ġietx infurmata dwar il-laqgħa li saret mal-Kappillani. Is-Sindku qal li filwaqt li jiskuza ruħu għan-nuqqas li seta kien hemm hu qal li hu segwa mad-deċizjoni tal-Kunsill li ssir din il-laqgħa, u kif kellu stedina ftit ġranet qabel il-laqgħa mill-Kappillan ta' San Girgor fejn kienu prezenti il-parroċċi kollha ta' Tas-Sliema u ħa l-okkazjoni u ikkordina l-laqgħa biex jagħti l-bidu ta' din l-inizjattiva.

70.3.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li n-*notice board* ta' Gnien Indipendenza mhiex aġġornata.

*Notice board – Independence Gardens*

70.3.6 Dwar l-istedina ta' Bialystok is-Sindku informa li hu flimkien mal-Kunsilliera J. Pillow u D. Muscat marru u intlahaq ftehim li jerġgħu jiltaqgħu f'Settembru bil-ħsieb li jibda l-proċess ta' ġemellaġġ. Il-Kunsillier D. Muscat qal li meta l-Kunsill jirċievi *draft agreement,* dan ghandu jiġi mressaq Kunsill. Sadanitant kien hemm qbil ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv jikteb ittra lis-Sindku ta' Bialystok fejn jafferma dak li ġie miftiehem fl-aħħar laqgħa li kellhom.

*Bialystok*

70.3.7 Is-Sindku irrefera għal punt 69.4.1 dwar xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill ġie mfakkar li skont Legal Notice, ma jistax isir xogħol ta' skavar jew twaqqiegh f'siti ta' kostruzzjoni f'numru ta' toroq f'siti turistici. Is-Sindku qal li minkejja dan, xorta ngħataw estensjonjiet biex ix-xogħol ikun jista jitkompla mill-BRO stess (mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill) u l-Kunsill qiegħed jirċievi ħafna lmenti mir-residenti konċernati. Kien hemm diversi reazzjonijiet mill-Kunsilliera u qalu li dawn għandhom jiġu *monitored* għaliex mhux xieraq li jiġi riklamat li x-xogħol irid jieqaf imbgħad jingħataw etensjonijiet biex l-istess xoghol jitkompla waqt is-sajf.

*Sospensjoni għas-sajf – xogħol ta skavar u dimoluzzjoni*

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li kien hemm min waqaf ukoll, u ma tarax li għandu jkun hemm din it-tip ta' reazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kiteb lil BRO sabiex jinghata informazzjoni ta' min inghata dawn l-estenzjonijiet. Din it-talba ma gietx mwiegba bil-miktub, imma tkellem mas-Sur Ferry fuq it-telefon. Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm Triq il-Knisja li ġiet sfrundata min skavar li baqa ghaddej. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien jaf biha u se tiġi rappurtata lill-Transport Malta.

70.3.8 Dwar l-estensjonijiet ta' xogħol f'siti ta' kostruzzjoni li ingħataw mil-*Building Regulations Office*, is-Sindku propona li ssir stqarrija għall-istampa biex il-pubbliku jkun jaf li l-permessi għall-estensjonijiet ma jingħatawx mill-Kunsill. *Stqarrija għall-istampa*

Il-Kunsilliera M. Aquilina ma taqbilx li tinħareġ stqarrija għall-istampa.

Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jaqbel għax tkun qegħda tiġi ċċarata l-pozizzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-punt tal-Kunsill hu li jew se jingħata *break* jew le, u qal ukoll li hawn minn tal-inqas ħames siti li baqghu ghaddejjin bl-iskavar, u jħoss li seta kien hemm lok ta' abbuz li x-xogħol ġie estiz meta forsi kuntrattur seta jippjana biex jibda x-xogħol minn qabel u ma jħallix għax-xhur li suppost x-xogħol ikun wieqaf. Is-Sindku propona li nitolbu lis-Sur Ferry mill-*Building Regulations Office* b'mod uffiċċjali li l-Kunsill qiegħed jistenna risposta, ghall-email tas-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil li f'kaz li l-Kunsill ma jirċeviex risposta sa għada l-Kunsill jagħmel stqarrija għall-istampa.

70.3.9 Dwar punt 69.6.2 is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ammont li għad irid jingħata lil 'Philip Agius and Sons' huwa ta' Ewro 17,000 wara li ingħata 40 fil-mija mill-bilanc pendenti skont l-aħħar deċizjoni tal-Kunsill, għaliex kif spjega aktar kmieni il-bilanċ kien ta' Ewro 25,000.

Il-Kunsilliera N. Cataldi Paris u J. Pillow ġew ħarġu mis-seduta fis-19.21

Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill għandu jsaqsi lill-perit tal-Kunsill biex jara jistghax jiċċertifika l-ammont li fadal pendenti biex b'hekk ikun jistghu jingħalqu dawn il-kontijiet pendenti.

70.3.10 Dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw, is-Segretarju Ezekuttiv qal li skont il-proċeduri tal-Kunsill u wara kif ġie notifikat fl-*audit report*, se jkollu jressaq agenda item fis-seduta li jmiss. Il-Kunsilliera prezenti qablu li l-kaz tal-Kunsilliera konċernata huwa ġustifikat u għandha tiġi skuzata. *Nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw*

70.3.11 Dwar 69.7.2 dwar it-tender tal-knis il-Kunsill ġie pprezentat b'lista ta' toroq bl-iskeda ġdida tal-ġranet tat-tindif tat-toroq. Din l-iskeda għandha tintbgħat lill-Kunsilliera permezz ta' *e-mail* ukoll. *Tindif tat-toroq*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-19.29*
*Ġie skuzat il-Viċi Sindku fis-19.29*

Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li Triq Guze Howard hija frekwentata aktar mill-pubbliku u tħoss li għandha titnaddaf aktar ta' spiss. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li tajjeb li nagħtu ċans ħalli naraw kif se taħdem din l-iskeda l-ġdida, u eventwalment f'kaz li jkun hemm bzonn, jistgħu jsiru emmendi.

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera N. Castaldi Paris daħlu lura għas-seduta fis-19.32*

70.3.12 Dwar l-istudji li kellhom isiru għall-uzu tal *bicycle* fuq il-*promenade*, is-Segretarju Ezekuttiv qal li jistgħu jibdew jitfasslu. Il-fondi se jingħataw minn skema mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jiltaqa' mal-Kunsilliera P. Radmilli, M. Briguglio u D. Muscat.

70.3.13 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fin-nuqqas tal-ex impjegat Daniel Micallef, hemm bzonn li jsir xi tibdil fl-iskali tal-haddiema klerikali tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv talab għall-approvazzjoni biex ikun jista jibda l-proċess għal *internal call* għall-impjieg *full time* u *internal call* oħra għal skali 11 u 13. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li l-istaff laqa' t-talba li l-Kunsill jiftaħ l-Erbgħa (mis-2.15 sal-5.00pm) fil-ġranet tas-Sajf. *Internal calls*

70.3.14 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kull disgħin jum il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk japprovax li tiġġedded il-pozizzjoni tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Kien hemm qbil li id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghandu jibqa is-Sur Anthony Attard. *Tiġdid Deputat Segretarju Ezekuttiv*

70.3.15 Is-Sindku informa li hemm pjan li jsir xogħol ta' *resurfacing*. Dan se jibda mil-ġimgħa d-dieħla fi Triq it-Torri fejn Arcidiacono, zebra crossing bejn it-Torri u s-Surfside. Il-Kunsill ġie avzat li dan ix-xogħol se jsir mis-sitta ta' fil-għaxija. Il-ġimgħa ta' wara se jsir Triq Dingli, l-parti Triq Sant' Elena, hekk kif ukoll Triq it-Torri ma' Triq Graham fil-qrib. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jitpoġġew tabelli fejn jiġi indikat li x-xogħol qiegħed issir mill-Kunsill. *Xogħol ta' resurfacing*
Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li ssir manutenzjoni fir-

rampi tal-bankini peress li se jkun hemm programm estensiv mill-Gvern fejn se jagħmlu t-toroq ta' Malta kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li jekk il-kalkoli jkunu bil-għaqal jistgħu jsiru it-tnejn, kemm *patching* u kemm bankini. Il-Kunsill qabel li jkompli bix-xogħijiet fit-toroq għaliex minkejja li hemm pjan min-naħa tal-Gvern għall-manutenzjoni fit-toroq kollha f'Malta l-possibilta hi, li jkun hemm aktar dewmien biex jibda x-xogħol f'Tas-Sliema.

70.3.16 Is-Sindku informa li rċieva korrispondenza mis-*Sliema Business Community* fejn talbu s-somma ta' Ewro 2500 għaliex l-ispejjez tat-tizjin tal-Milied ma' ġewx koperti. Il-Kunsill zamm ma' l-istess deċizjoni li kien ħa u peress li ma kienx hemm fondi bizzejjed il-Kunsill kien għazel li ma jipparteċipax għat-tizjin tal-Milied u jgħin biss għall-uzu tad-dawl temporanju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. *Sliema Business Community*

70.3.17 Is-Sindku informa li ġie notifikat li hemm pjan li parti mill-monument tat-Tritoni li kien il-Belt jitpoġġa f''Tas-Sliema. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta stima minn *Architectue XV* għaliex dan il-monument irid jitpoġġa fuq bazi. Il-post issuġġeriet mill-Ministeru huwa fi Gnien Bonello Du Puis. *Monument Tritoni*

L-istima għal dan ix-xogħol ta' konsulenza hi ta' Ewro 1,800 (exc Vat u PA fees). Il-Kunsill għalkemm jaqbel mal-proġett qal li l-istima hija waħda għolja u taqbez id-*direct order*. Il-Kunsill talab li l-istima tiġi riveduta. Is-Sindku issuġġerixxa li din tiġi inawgurata fil-ġurnata li tiġi organizzata l-attivita 'Tas-Sliema Wirt u Niesha'. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li din il-bazi tista tibda tintuza biex jiġu mnaqqxa ir-rebbieħa ta' Gieħ tas-Sliema. Din għandha tiġi diskussa mal-Kunsillier inkarigat D. Muscat u mal-Ministeru.

70.3.18 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li ġie avviċinat mit-Times of Malta biex tibda tinħareġ gazetta li jkollha materjal li tikkonċerna lil Tas-Sliema biss. Dan jibda jiġi ppubblikat kull xahar u jkun hemm spazzju ta' erbgha pagni għall-Kunsill (jiġifieri kull xahar ikun jista jikteb kunsillier li jkun interessat li tkun b'*roaster)*. Il-materjal li jinkiteb ma jistax ikollu kontenut politiku imma jkun għall-informazzjoni tar-residenti dwar ix-xoghlijiet tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Portelli qal li din se tkun b'zewġ lingwi għall-benefiċċju tar-residenti barranin. *Fuljett flok il-magazine tal-Kunsill*
F'kaz li jkun hemm qbil, dan jitqassam lir-residenti kollha kif ukoll

jitħallew koppji fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li għandha r-riservi tagħha u ma taqbilx għaliex trid tara l-affarijiet kif inhuma. Waħda mir-raġunijiet hi li tista tkun gazzetta oħra li tavviċina lill-Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jekk ikun hemm gazzetti oħra li joffru din l-opportunita l-Kunsill jista jilqa l-istess talba ukoll.

Il-Kunsill ikun qiegħed jiffranka l-ispejjez tal-magazine. Il-Kunsillier P. Portelli zied jinforma li NGO's bħal baned tas-Sliema xorta jkunu jistgħu jiktbu f'dan il-fuljett. L-isem tal-gazzetta ser tkun 'Sliema Times *in collaboration with Tas-Sliema Local Council*'.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu sadanittant saqsa lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar din l-inizjattiva. Id-Direttur qal li din idea tajba u ma tmurx kontra r-regoli tal-Kunsilli Lokali sakemm il-Kunsill mhux ser ikun qed jahdem esklussivament mat-Times of Malta biss. Filfatt, id-Direttur ghandu jghamel kuntatt mat-Times of Malta sabiex jitkellem maghhom dwar din l-inizjattiva li interessatu sew.

Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill għad irid jirċievi *draft agreement* min-naħa tat-Times of Malta. Il-Kunsill qabel li malli l-Kunsill jirċivieh jintbgħat lill-Kunsilliera b'email u wara tiġi deċiza f'seduta oħra.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitla mis-seduta fit-20.26*

## 70.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

70.4.1 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li s-*sleeping policeman* fi Triq Manwel Dimech għada ma saritx. *Sleeping policeman*

70.4.2 l-Kunsillier P. Portelli informa li se jitwaħħlu aktar *ash trays* fuq il-kosta mill-isponsor *Yellow Pages.*

70.4.3 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jsir *culling* tal-ħamiem fi Triq Castellatti. Is-Sindku informa bil-kaz li ġara fl-lokalita oħra u allura ma jkunx xieraq li jitkompla l-proċess f'Tas-Sliema b'dan il-mod. Is-Sindku qal li ġie infurmat li l-Onorevoli Seg. Parlamentari Clive Camilleri se jkun qiegħed joffri għajnuna mod ieħor. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Onor. Clive Camilleri u ninfurmawh li l-Kunsill huwa interressat. Il-Kunsill għandu *Hamiem*

jressaq ir-risposta f'seduta tal-Kunsill.

*Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris ħarġet mis-seduta 20.41 u daħlet lura 20.43*

*Kien hemm qbil li dan l-item se jitkompla wara punt 70.6*

**70.5 RAPPORTI**

70.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**70.6 QUOTATION FOR A SERVICE PROVIDER (HOMEWORK AID FOR TCN PARENTS PROJECT)**

70.6.1 Il-Kunsill ġie infurmat li għal din is-sejħa intefgħu zewġ offerti waħda mill-KOPIN u mill-Outlook COOP. Il-Kunsilliera M. Aquilina, P. Radmilli u M. Briguglio flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv se jiltaqgħu magħhom għall-*interview*.

70.6.2. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jkun qed isejjaħ *call* għall-*accountant* kif ukoll għall-*marketing* għal dan l-istess proġett. Kien hemm qbil dwar dan.

**70.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;**

70.7.1 Dwar it-tender tal-*bins* kien hemm qbil li l-bord ikun magħmul mill-Kunsillera M. Aquilina, J. Pillow u P. Portelli. *Tender bins*

**70.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

70.8.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-M Quip għaliex iċ-ċinturin għandu prezz għoli. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dak ordnajnih biex jasal malajr u l-prezz ikun għola f'dan il-kaz.

70.8.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio propona. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni tal-pagamenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

70.8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq Bill of Quantities għal xogħol li sar bejn Fond Għadir u t-Torri. Din tiswa madwar Ewro 13,869.60. Il-Kunsill qabel li għalissa tinzamm *on hold* sakemm ikun cert li l-pipijiet li saru ma jimtlewx bir-ramel u jkunu jistghu verament jintuzaw biex jitbattal l-ilma min taht il-gebel. *Xogħol Exiles Beach*

*Il-Kunsill kompla b' item 70.4*

**70.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

70.4.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar l-għeluq tat-toroq u l-permessi għall-krejnjiet għaliex qiegħed jkun ħafna. Il-Kunsillier Pillow issuġġerixxa li jkun hemm persuna apposta li ddur it-toroq u jara li l-kuntratturi qegħdin jimxu mal-permessi kif ikun ingħata mill-Kunsill u jekk għandux permess jew le. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li diġa għandna gwardjan li jiġi kuljum il-Kunsill u nagħtuh lista tal-permessi u nibgħatuh kull darba li jkollna rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsillier J. Pillow li jekk xorta jkun irid jitlob għal dan is-servizz jagħmila permezz ta' mozzjoni għaliex tinvolvi flus, imma fakkar lill-Kunsill li dan li qed isemmi l-Kunsillier Pillow huwa responsabbilta tal-LESA u mhux tal-Kunsill. *Għeluq tat-toroq*

70.4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jkollu erba slielem tal-baħar li jkun jista jpoġġihom qabel ix-xhur tas-Sajf għaliex ikollna ħafna talbiet mir-residenti. Is-Sindku qal li kellu kommunkazzjoni mas-CSD li jagħmlu dawn is-slielem izda kellhom problema bit-trasport. Il-Kunsill qabel li għandu jikri trakk biex ikun jista jwassal dawn il-*beach ladders* f'Tas-Sliema. Dawn filkaz għandhom jitpoġġew Exiles, Ferro Bay u Qui Si Sana. *Beach ladders*

70.4.6 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li taħt Taormina hemm pipe il-barra u qiegħed perikoluz. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jibgħat il-ħaddiema għada halli jnehhuh.

70.4.7 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk kelb jistax jiġri bla ċinga fejn il-baħar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li suppost ikunu biċ-ċinga u qal ukoll li twaħħlu t-tabelli fuq il-*beach* għaliex kien hemm kazijiet fejn il-kelb iħammeġ u s-sid ma jammettix li l-kelb ikun tiegħu u b'hekk ma tkunx tista tingħata ċitazzjoni għall-ħmieġ li jkun ġie kkawzat fuq il-bajja. ***Dogs on beach***

70.4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar dwar id-*dog beach* ix-Xatt ta' Tigne (in-naħa tal-MIDI). Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li t-tabella biex jiġi indikat li huwa *dog beach* ġiet ordnata. Dog Beach

70.4.9 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li s-slielem tal-pitch *Beach ladders pitch*

għadhom ma twaħħlux. Is-Sindku qal li kien hemm min, mill-membri tal-pitch li ma jħallux jitillgħu mis-slielem lil dawk li mhumiex membri. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-interessi tal-membri tal-pitch għandhom jiġu salvagwardjati. Is-Sindku qal li mid-Dipartiment tal-Cleansing ġibdu l-attenzjoni għaliex is-slielem li jwaħħlu huma, huma għall-uzu tal-pubbliku u mhux għall-membri tas-Sliema pitch biss. Madankollu is-Sindku għandu jara s-sitwazzjoni biex dawn jitwaħħlu.

70.4.10 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għas-servizz tat-trasport ċirkulari li qegħdin jagħmlu San Giljan. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li Kunsill Lokali Sliema jara kif joffri dan is-servizz ukoll. Is-Sindku issuġġerixxa li nkellmu lil ta' San Giljan biex jaraw jistgħux iħallu lir-residenti Slimizi juzaw dan is-servizz f'toroq bħal Mrabat u telgħa tal-Kirxa li jmissu mal-konfini ta' Tas-Sliema. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar dan. *Trasport Cirkulari San Giljan*

70.4.11 Il-Kunsillier D. Muscat informa li l-unika data vakanti għall-uzu tat-Teatru tas-Salezjani għall-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha hija 25 t'Ottubru 2017. Kien hemm qbil li s-serata ssir dak in-nhar *tas-Sliema Wirt u Niesha*

70.4.12 Il-Kunsillier D. Muscat informa dwar id-djalogu li sar f'Bialystok u dwar il-possibilta ta' ġemellaġġ kif ġie diskuss aktar kmieni f'din l-istess seduta. Il-Kunsillier D. Muscat qal ukoll li hemm il-ħsieb li dan kollu jiġi kkordinat flimkien mall-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. Se ssir ukoll ċerimonja quddiem il-monument tal-gwerra.

70.4.13 Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li għandhom isiru *give away signs* kif ukoll marka ta *roundabou*t bl'aħmar fl-art biex it-traffiku lejn Qui Si Sana ikun aħjar. *Traffiku Qui Si Sana*

**70.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

70.10.1 Is-seduta intemmet fit-22.15. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017 fis-6pm. Ġie deċiz ukoll li għal dak in-nhar se jittieħħed ritratt uffiċċjali tal-membri tal-Kunsill kollhu għaliex għad m'hemmx wieħed bil-Kunsilliera kollha.

Minuti approvati llum 20/07/2017

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**